



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Frar 2020
(OR. en)

5647/20

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0093 (NLE)

RECH 15
ATO 2
ASIE 5

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp u fir-riċerka fil-qasam tal-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE)

ta'....

**li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea,
tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp u fir-riċerka
fil-qasam tal-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni Ewropea, f'konformità mad-Direttivi tal-Kunsill tat-3 ta' Lulju 2009, wettqet negozjati dwar Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp u fir-riċerka fil-qasam tal-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari,
- (2) Dawk in-negozjati ġew konklużi b'suċċess,
- (3) Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim jenħtieġ li tiġi approvata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp u fir-riċerka fil-qasam tal-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari, hija b'dan approvata*⁺.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

* Id-delegazzjonijiet isibu, għall-informazzjoni, it-test tal-Ftehim fid-dokument ST 5648/20.

⁺ ĠU: Ippubblikaw biss id-deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Ftehim għandu jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni.